MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 679/2002/1

**Mary Azzopardi**

**vs**

**Aref Hamed**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet ghaddew minn cerimonja ta’ zwieg skond ir-rit civili fir-Registru Pubbliku f’Malta nhar il-25 ta’ Frar 2002 (Dok. “MA1”).

Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat peress li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga jew ta’ dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li dan z-zwieg huwa null *ai termini* ta' l-artikolu **19 (1) (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 3 tal-process;

Rat il-verbal tas-16 ta' Settembru 1999.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Dicembru 2002.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 3 ta' Dicembru 2002.

Rat l-affidavit tal-attrici datat 7 ta' Jannar 2003 esebit b'nota datata 7 ta' Jannar 2003 a fol. 11 tal-process.
Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Frar 2003.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Marzu 2003 u d-digriet tal-Qorti sabiex in-notifika ssir abbazi ta' l-artikolu **187 (3) tal-Kap 12** f'gazzetta lokali wahda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Mejju 2003.

Rat li n-notifika saret abbazi ta' l-affisjoni, u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali wahda u l-konvenut baqa' kontumaci u ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjoni u lanqas deher fil-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Novembru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attrici** xehdet permezz ta’ affidavit datat 7 ta’ Jannar 2003 fejn sostniet li:-

*“Illi fil-bidu tas-sena 2002 jien kelli hafna nkwiet mal-familja, kif ukoll kelli hafna problemi ta’ flus. Il-problemi mal-familja kienu tant gravi li kont qed nistenna li nitkecca mid-dar, kif fil-fatt tkeccejt tlett ijiem wara li zzewwigt. Nghid illi kont u ghadni nhallas il-karozza Peugeot 106, li fl-ahhar ta’ Marzu kienet taghlaq l-insurance tal-karozza li hija assigurata comprehensive u li fuqha ma kelli ebda no claim bonus. Minbarra l-pagamenti tal-karozza kont qed inhallas hamsin lira fix-xahar ghall-visa minhabba li kont qbizt il-credit limit ta’ elf lira (Lm1,000). Kif beda` joqrob Marzu u kont naf li kelli dik l-ispiza bdejt niddispra ghax ma kellix minn fejn inhallas.*

*Illi habib ta’ habib tieghi laqqghani ma’ wiehed Sirjan li qal li jismu Ahmed. Dan Ahmed ghamilli proposta li nizzewweg wiehed Sirjan u jaghtini elf lira. Huwa assigurani li d-divorzju minn barra minn Malta jghodd ghal hawnhekk ukoll. Peress illi kont maghfusa ghall-flus accettajt. L-ewwel darba li ltqajt ma’ Aref Hamed, u cjoe` dak ir-ragel li kelli nizzewweg, morna l-Belt, l-Insinwa biex nirrangaw il-karti. Maghna kien gie Ahmed li kien qed jiehu hsieb kollox. Dan kien ghall-habta ta’ nofs Jannar tas-sena 2002. Sitt gimghat wara, u cjoe` fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Frar 2002, ltqajna biex izzewwigna. Ahna zzewwigna fir-Registru. Ghac-cerimonja kien hemm jien, il-habib tieghi, Ivan Psaila, Aref u Ahmed. Wara c-cerimonja tlaqna ghal rasna. Dakinhar Ahmed tani hames mitt lira (Lm500) u tlaqt lejn id-dar. Xi gimgha wara, Ahmed ikkuntattjani biex immorru l-Insinwa mar-ragel biex naghtu xi dettalji bhal indirizzi. Nghid illi matul dan iz-zmien kollu Ahmed kien itini xi flus bhal hamsin lira kull darba. B’kollox tani tmien mitt lira (Lm800). Din id-darba ta’ l-Insinwa kienet l-ahhar darba li ltqajna. Fi zmien il-World Cup waqt il-loghba bejn il-Brazil u l-Ingilterra,*

*cempilli Aref u cjoe` dak li kont izzewwigt u talabni immur mieghu d-Depot ghall-'freedom of movement.' Jiena ghidtlu li mieghu ma kellix x'naqsam u kelli x'naqsam biss ma' Ahmed. Jiena nghid li qatt ma kellna x'naqsmu ma' xulxin b'mod sesswali u lanqas biss qatt konna wahedna. B'kollox rajtu tliet darbiet. Hadd minn tal-familja ma jaf li jiena mizzewga. L-unika persuna li taf huwa habib tieghi li jismu Ivan Psaila u dan minhabba li kien ix-xhud fit-tieg."*

**(B) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi min-naha l-ohra fl-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

*"**Art.19 (1) (f)** "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed**

**Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit Nru 793/01/RCP).

**(C) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi fic-citazzjoni, l-attrici qed issostni li z-zwieg taghha huwa null abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255** peress li jirrizulta li l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wahda jew aktar mil-elementi taz-zwieg jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi fil-fatt il-kwistjoni principali f'dan il-kaz hi jekk il-konvenut izzewwigx lill-attrici semplicement ghall-konvenjenza u cjoe' sabiex ikun jista' jakkwista passaport Malti u cittadinanza Maltija jew inkella zzewwigx biex jifforma nukleju familjari bl-elementi kollha essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti thoss li gie ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi li mill-assjem tal-provi rrizulta inekwivokabbilment li l-konvenut izzewweg lill-attrici esklussivament sabiex jottjeni passaport Malti u cittadinanza Maltija. Ic-cirkostanzi kollha kemm antecedenti ghaz-zwieg kif ukoll konkomitanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens huma kollha sinjali evidenti li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, il-konvenut kellu biss l-intenzjoni li jsir cittadin Malti permezz taz-zwieg li kien qed jigi celebrat u xejn aktar.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-Qorti hija sodisfatta li l-attrici ppruvat fil-grad li trid il-ligi u fuq bilanc ta' probabbiltajiet li r-raguni dominanti li ghaliha l-konvenut resaq ghaz-zwieg kienet sabiex isir cittadin Malti u xejn aktar u mhux biex jintrabat fiz-zwieg bid-drittijiet u obbligi konnessi.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-attrici giet offruta s-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) sabiex hija tizzewweg lill-konvenut; jidher li l-attrici accettat u ltaqghet l-ewwel darba mal-konvenut f’nofs Jannar 2002 sabiex isiru l-karti halli jsir iz-zwieg; iltaqghu biss wara fil-25 ta’ Frar 2002 sabiex isir iz-zwieg bir-rit civili u dakinhar certu Ahmed hallasaha hames mitt lira Maltin (Lm500) u wara baqghu jsiru hlasijiet ta’ hamsin lira Maltin (Lm50)-il wiehed b’dan li l-attrici b’kollox irceviet l-ammont ta’ tmien mitt lira Maltin (Lm800). Fil-fatt il-partijiet la qatt ghexu flimkien u lanqas biss qatt ma tkellmu flimkien u kollox jidher li kien irrangat sabiex il-konvenut ikun jista’ jghix hawn Malta.

Illi f’dan ir-rigward, issir riferenza ghal dak li qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenzi fl-ismijiet **“Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida”** (P.A. (NA) 10 ta’ Ottubru 1995) u **“Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk”** (P.A. (NA) 16 ta’ Jannar 1998) u cjoe’ li:-

“meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa’ Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b’mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f’dawn il-kazijiet wiehed m’ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta’ xi dikjarazzjoni esplicita ta’ l-intenzjoni ta’ dak li jkun, pero’ tali intenzjoni tista’ tigi manifestata wkoll implicitament”.
Illi fi kliem il-gurista **Castano**:-

*“… l’atto posittivo della volonta’ non s’identifica con l’intenzione espressa o esplicita, ma l’atto della volonta’ puo’ essere posittivo ed essere manifestato implicitamente. Infatti con il Prof. Gangoiti crediamo che l’atto posittivo richiesto dal canone puo’ essere amesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediente l’insieme di circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta’, oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi. E’ per questo che la volonta’ puo’ essere ritenuta una facolta’*

*poliglotta e quindi parla atraverso molteplici linguaggi, senza che sia necessario che lo faccia espressamente".*

*"Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi kollha kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u tinterpretahom b'doza qawwija ta' buon sens, biex tista' tasal, imqar sal-grad ta' probabbilita', li kien hemm l-eskluzjoni pozittiva imsemmija".*

Illi fis-sentenza ta' l-10 ta' Marzu 2000, fil-kawza fl-ismijiet **"Pauline Ahmed nee' Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed"** (P.A. (VDG) Citaz. Numru 171/95 VDG), din il-Qorti kif diversament presjeduta ccitat lill-gurista **Francesco Bersini** li jispjega:-

*"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e' una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonia un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc … L'esclusione del matrimonio si puo' verificare sopratutto in persone che si sposano sotto la pressione del timore grave, o che strumentalizzano, con estrema leggerezza e malizia, il-matrimonio simulato per raggiungere altri fini intesi con volonta' prevalente, come potrebbero essere i miraggi di un vantaggio economico …."* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale**, Elle Di Ci (Torino), 1994, pp. 113-114).

Illi ghalhekk din il-Qorti abbazi tal-premess tiddikjara li sodisfatta li l-attrici ppruvat, sal-grad li trid il-ligi f'kawza civili, li r-raguni predominanti b'mod li twarrab skopijiet ohra, il-ghala l-konvenut resaq ghaz-zwieg kienet sabiex ikun jista' jottjeni cittadinanza Maltija u passaport Malti u

mhux biex jintrabat fiz-zwieg bid-drittijiet u l-obbligi reciproci tal-partijiet li jitnisslu minn tali zwieg.

Illi huwa sintomatiku li wiehed jirreferi ghas-sentenzi **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000) u **“Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000) u **“Marica Bouchhioua vs Farhat Ben Mohammed Bouchhioua”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta’ konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista c-cittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fil-25 ta’ Frar 2002, huwa null u bla effett *ai termini* ta’ l-artikolu **19 (1) (f) tal-Kap 255.**

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan li:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg apparenti bejn il-partijiet celebrat fil-25 ta’ Frar 2002 huwa null u bla ebda effett legali *“ab initio”* a tenur ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) ta’ l-Att ta’ l-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255),** kif emendat.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------